# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 183/09/1 JRM**

**Dr. Jeremy J. Debono bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Bernard u Elvira konjuġi Jeanneret**

**v.**

**Pool & Spa Supplies Limited (C-9735) u b'digriet tal-11 ta' Marzu 2010, issejħet fil-kawża s-soċjetà Midi p.l.c. (C-15836)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mil-kumpanija konvenuta Pool and Spa Supplies Limited minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Frar, 2020, li permezz tagħha: (i) ħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju lill-kumpanija msejħa fil-kawża Midi p.l.c.; (ii) laqgħet f'parti

minnha l-ewwel talba attriċi fil-konfront tal-kumpanija mħarrka Pool & Spa Supplies Limited (minn hawn 'il quddiem imsejħa P&S Ltd.) u sabitha responsabbli f'parti għall-ħsarat imġarrba mill-atturi fl-ammont ta' €3,987.24; u (iii) bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-data tas-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv; u bl-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u l-kumpanija mħarrka P & S Ltd, b'dan li l-atturi jridu jħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kumpanija msejħa fil-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-27 ta' Frar, 2009, Dr. Jeremy J. Debono, bħala mandatarju speċjali tal-assenti Bernard u Elvira konjuġi Jeanneret, fisser li l-konjuġi Jeanneret huma sidien tal-appartament (*penthouse)* T6F 17, Tigné Apartments, Tigné, li fuqu għandhom *pool area*.

3. Il-konjuġi Jeanneret jgħidu li ġarrbu danni kbar minħabba perkolazzjoni kbira ta' ilma li daħal ġewwa l-imsemmi appartament tagħhom mill-*pool area.* Minħabba dawn il-ħsarat, fost affarijiet oħra kien hemm bżonn li jinqala' u jiġi mibdul il-*parquet* fl-appartament tagħhom. Huma jsostnu li ġarrbu danni b'konsegwenza tal-imġiba traskurata u negliġenti tal-kumpanija konvenuta minħabba nuqqas ta' ħarsien tal-obbligi tagħha u li l-ħsara li ġarrbu seħħet b'tort uniku tal-kumpanija

konvenuta, li għalhekk għandha tagħmel tajjeb għad-danni. Jissoktaw jgħidu li dawn il-ħsarat jirriżultaw minn stħarriġ li wettaq il-Perit Anton Valentino mqabbad mill-atturi għal dan l-iskop.

4. Minkejja li huma sejħu lill-kumpanija konvenuta bosta drabi sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas tad-danni mġarrba minnhom, din baqgħet inadempjenti. Għaldaqstant l-attur *nomine* ressaq din il-kawża fejn talab lill-Qorti:

> *«1.Tiddikjara, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, lis-soċjetà intimata bħala responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrent nomine kif fuq spjegat minħabba l-aġir traskurat, illegali u negliġenti tal-istess soċjetà intimata u minħabba n-nuqqas ta' tħaris tal-obbligi tal-istess soċjetà intimata.*
>
> *2.Tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti nomine u kkaġunati mis-soċjetà intimata.*
>
> *3.Tordna u Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti nomine id-danni hekk talvolta likwidati fit-talba preċedenti.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali sudetta tat-28 ta' Jannar, 2009 u bl-imgħax kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni, u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra talvolta spettanti lir-rikorrent nomine skont il-Liġi.»*

5. Il-kumpanija konvenuta P & S Ltd. ressqet risposta maħlufa fis-27 ta' Mejju, 2009, li fiha qalet hekk:

> *«1.Preliminarjament illi l-azzjoni attriċi hija intempestiva inkwantu illi kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-kontendenti, l-iżviluppaturi u partijiet oħra konċernati u involuti fil-bini u kostruzzjoni u finishing tax-xogħlijiet magħmula fuq il-fond tar-rikorrenti.*
>
> *2.Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, illi inkwantu illi l-allegati danni sofferti mir-rikorrenti huma riżultat ta' xogħol ħażin magħmul mhux mis-soċjetà intimata, iżda minn ħaddieħor, fosthom min qiegħed il-*

*protezzjoni kontra l-ilma (water-proofing membrane) u min għadda s-sistema tad-drains – li ma sarx jew ma sarx skont is-sengħa u l-arti, bil-konsegwenzi allegati mir-rikorrenti – u għalhekk huwa opportun illi l-istess jiġu kjamati in kawża għal ġudizzju integru.*

*3.Fit-tielet lok u ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi s-soċjetà intimata ma kkawżat ebda dannu lir-rikorrenti u ma għandha ebda responsabbiltà għall-allegati danni sofferti mir-rikorrenti.*

*4.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.»*

6. Wara li l-Ewwel Qorti bid-digriet tagħha tal-11 ta' Marzu, 2010, laqgħet it-talba attriċi għas-sejħa fil-kawża tal-kumpanija Midi p.l.c, din tal-aħħar wieġbet permezz tar-risposta maħlufa tal-11 ta' April, 2011, li fiha qalet hekk:

*«1. Illi din l-azzjoni għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż fil-konfront tal-kumpanija eċċipjenti stante li r-rikorrenti irrevokabilment u inekwivokabilment irrinunzjaw għall-istess azzjoni meta ċedew fil-mertu l-kawża fl-ismijiet Dr Jeremy J. Debono noe v. Midi p.l.c, li ġġib in-numru 184/2009JRM, f'liema kawża kienu talbu, oltre affarijiet oħra, illi l-Qorti tikkundanna lill-kumpanija eċċipjenti tħallas id-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba l-fatti indikati fil-kawża odjerna, oltre oħrajn, u liema rinunzja saret 'billi l-mertu llum il-ġurnata huwa eżawrit' (ara verbali tal-4 ta' Marzu, 2010 anness bħala Dok A). Il-kawża inkwistjoni għadha pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta biss fuq il-kap tal-ispejjeż.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma, fi kwalunkwe każ, infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-kumpanija eċċipjenti u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li m'hija bl-ebda mod responsabbli għall-ħsarat indikati fir-rikors ġuramentat. Dawn il-ħsarat irriżultaw prinċipalment minħabba alterazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti stess qabel id-data tal-kuntratt ta' bejgħ permezz ta' appaltatur imqabbad minnhom, liema alterazzjonijiet saru mingħajr ebda konsultazzjoni ma', jew approvazzjoni mingħand il-kumpanija eċċipjenti;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti jridu, fi kwalunkwe każ, iġibu l-prova tad-danni li allegatament soffrew u qed isofru;*

*4. Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu mill-kumpanija eċċipjenti skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

7. B'sentenza mogħtija fl-20 ta' Frar, 2020, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'dan il-mod:

*«1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija msejħa fil-kawża Midi p.l.c. u teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-atturi;*

*2. Tastjeni milli tqis l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-kumpannija msejħa fil-kawża;*

*3. Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi fil-konfront tal-kumpannija mħarrka Pool & Spa Supplies Ltd, u ssibha responsabbli f'parti għall-ħsarat imġarrba mill-atturi;*

*4. Tilqa' t-tieni talba attriċi fil-konfront tal-kumpannija Pool & Spa Supplies Ltd u tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi, fis-sehem li għalih trid twieġeb l-istess kumpannija mħarrka, fis-somma ta' tlitt elef disa' mija sebgħa u tmenin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€3,987.24c);*

*5. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tordna lill-kumpannija mħarrka Pool & Spa Supplies Limited tħallas lill-atturi l-ammont ta' tlett elef disa' mija sebgħa u tmenin ewro u erbgħa w għoxrin ċenteżmu (€3,987.24c) bħala danni likwidati, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;*

*6. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija Pool & Spa Supplies Ltd bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*7. Tordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u l-kumpannija mħarrka Pool & Spa Supplies Ltd, b'dan li l-atturi jridu jħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kumpannija msejħa fil-kawża Midi p.l.c.»*

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«Illi din hija azzjoni ta' danni dwar ħsarat ġo fond minħabba dħul ta' ilma wara xogħlijiet appaltati. L-atturi proprio bħala sidien ta' ġid immobbli li*

*jagħmel minn blokka ta' bini, jgħidu li l-kumpannija li wettqet ix-xogħlijiet trid tagħmel tajjeb għall-ħsara li ġarrab il-post tagħhom minħabba d-dħul tal-ilma għax għamlet xogħol bla kont. Aktar 'il quddiem, talbu li tissejjaħ fil-kawża l-kumpannija li mingħandha kienu xtraw il-fond, billi mill-provi rriżultalha li seta' kien hemm rabta bejnha u dak li ġara;*

*Illi l-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "P&S"), min-naħa l-oħra, tiċħad li ħolqot dannu lill-atturi, u tgħid li l-ilmenti tal-atturi għandhom jwieġbu għalihom, fost oħrajn, min qiegħed il-protezzjoni kontra l-ilma ('membrane') u min għadda l-katusi tas-sistema tad-drains. Il-kumpannija msejħa fil-kawża (minn issa 'l hemm imsejħa "MIDI"), tiċħad ukoll kull responsabbiltà għal dak li jilmentaw minnu l-atturi, u tgħid li d-danni ġabuhom b'idejhom meta għamlu tibdil fil-fond qabel ma daħlu fuq il-kuntratt mingħajr ma ġabu l-kunsens tagħha;*

*Illi bħala <u>fatti relevanti illi joħorġu mill-atti ta' din il-kawża</u> jirriżulta li fit-28 ta' Frar, 2008, l-atturi Bernard u martu Elvira Jenneret kisbu mingħand MIDI (il-kumpannija li kienet qiegħda tmexxi l-kumpless) l-utili dominju għaż-żmien li fadal minn disgħa u disgħin (99) sena li bdew jgħaddu minn Ġunju tal-2000, tal-fond li jikkonsisti f'appartament u f'garaxx ġewwa l-kumpless ta' bini ġo Tigné Point, f'Tigné[1]. Fuq l-arja tal-appartament, l-atturi għandhom ukoll pixxina. Qabel ma l-atturi kisbu l-appartament, fil-fond sar hydrotesting u ma rriżultax li kien hemm problemi marbuta mad-dħul jew tnixxija ta' ilma[2];*

*Illi wara li xtraw l-appartament, l-atturi għamlu xi xogħlijiet fih fosthom dawk madwar il-pixxina. Dan kien jinvolvi t-tqegħid ta' turġien fil-pixxina, tqegħid ta' madum u mużajk, u 'decking' madwarha. Ix-xogħlijiet saru minn P&S, u MIDI approvathom[3]. P&S kienet tqabbdet timla l-pixxina bl-ilma wara li temmet ix-xogħlijiet[4], u jirriżulta illi l-pixxina faret[5]. B'riħet hekk, saret ħsara kbira lill-parquet fl-appartament tal-atturi[6], tant li kellu jinqala' kollu u minfloku tqiegħed materjal ieħor[7]. In-nefqa marbuta mad-dħul tal-ilma jitilgħu għal madwar erbgħa u sittin elf ewro (€64,000)[8];*

*Illi f'Settembru, 2008, għamlet maltempata kbira, u fl-appartament tal-atturi daħal ħafna ilma. L-umdità fl-appartament kienet baqgħet tinħass sew[9]. Irriżulta li l-katusi tad-drenaġġ tad-deck tal-pixxina kienu nstaddu[10] u d-drain minn ġod-deck tal-pixxina għal ġox-xaft ma kienx*

---

[1] *Dok. "JD01" f'paġġ. 64 sa 94.*
[2] *Ara l-kontroeżami tal-Perit Ivan Bartolo f'paġ. 189 tal-proċess.*
[3] *Ara x-xhieda ta' Greta Apap Bologna f'paġ. 233 tal-proċess.*
[4] *Ara x-xhieda ta' Mario Sammut f'paġ. 246 tal-proċess.*
[5] *Ara x-xhieda ta' Chris Guercio f'paġ. 245 tal-proċess.*
[6] *Ibid paġ. 234 tal-proċess.*
[7] *Ibid paġ. 234 tal-proċess. L-ispejjeż marbuta mal-parquet jammontaw għal €20,116.94, flimkien ma' €950 biex jitneħħa.*
[8] *Ara affidavit ta' Bernard Jenneret f'paġġ. 214 – 5 tal-proċess, Dok. "JB" f'paġ. 216 tal-proċess u Dokti. "JB1" sa "JB14" f'paġġ. 218 sa 232 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Greta Apap Bologna f'paġġ. 234 – 5 tal-proċess, u dok. "GAB7" f'paġ. 242 tal-proċess.*
[9] *Ibid paġ. 188 tal-proċess.*
[10] *Ara x-xhieda tal-Perit Anton Valentino f'paġ. 187 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mario Sammut f'paġ. 247 tal-proċess.*

*imqabbad mal-vertikali[11]. Jirriżulta illi l-MIDI naqset li tagħmel test tad-drains qabel l-istaġun tax-xita[12], u l-ilma daħal saħansitra fl-appartament ta' terzi;*

*Illi l-atturi qabbdu perit li ħa konjizzjoni tan-nuqqasijiet li kien hemm fil-fond, u minn rapporti li ħejja jissemmew, fost oħrajn, (a) il-fatt li l-pixxina tħalliet tfur, (b) in-nuqqasijiet marbuta mas-sistema ta' ħarsien kontra d-dħul tal-ilma ('membrane'), (ċ) nuqqasijiet fil-katusi tal-ilma, (d) toqob fis-sollijiet taħt il-bibien tat-terazzin, (e) nuqqas ta' kisi tax-xaft u (f) nuqqasijet fid-dettalji strutturali fid-diżinn[13];*

*Illi l-atturi bagħtu jgħarrfu b'dawn in-nuqqasijiet lil MIDI li ħadet azzjoni fuq diversi mill-ilmenti, iżda l-umdità fil-fond baqgħet, u reġa' daħal l-ilma tax-xita ftit wara li spiċċaw ix-xogħlijiet rimedjali fit-terrazzin. Minħabba f'hekk, l-atturi kienu fetħu kawża oħra kontra MIDI[14]. Jirriżulta illi fil-5 ta' Mejju 2010, l-atturi ċedew dik il-kawża kontra MIDI minħabba li ntlaħaq ftehim, u fid-9 ta' Diċembru, 2011[15], wara li din il-Qorti astjeniet li tqis aktar it-talbiet attriċi fil-mertu f'dik il-kawża, tat sentenza marbuta mal-kap tal-ispejjeż;*

*Illi l-atturi jgħidu li fit-28 ta' Jannar, 2009, bagħtu ittra uffiċjali lil P&S sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li ġarrbu minħabba n-nuqqasijiet tagħha, u fis-27 ta' Frar, 2009, infetħet din il-kawża kontra tagħha.*

*Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-atturi talbu li tissejjaħ fil-kawża MIDI, liema talba ntlaqgħet;*

*Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel <u>il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka u dawk imressqa mill-kumpannija msejħa fil-kawża. L-eċċezzjonjiet huma kemm ta' natura preliminari kif ukoll dwar il-mertu;*

*Illi l-Qorti sejra tibda billi l-ewwel tistħarreġ l-**ewwel eċċezzjoni preliminari li tressaq MIDI**. Bis-saħħa tagħha hija tgħid li t-talbiet tal-atturi waqgħu fil-konfront tagħha għaliex jolqtu l-istess mertu tal-kawża l-oħra li huma kienu fetħu qabel u ċedewha. Hija tgħid li filwaqt li parti mix-xiljiet miġjuba kontriha kienu jirrigwardaw danni mġarrba minħabba dħul ta' ilma minn fuq il-bejt, għal liema xiljiet MIDI dejjem ċaħdet kull responsabbiltà, iċ-ċessjoni mill-atturi fil-konfront tagħha saret bla kondizzjoni. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, MIDI tqajjem eċċezzjoni oħra marbuta mal-ewwel eċċezzjoni u jiġifieri dik li l-atturi*

---

[11] *Ara x-xhieda ta' Olvin Mangion f'paġ. 249 tal-proċess.*

[12] *Ara x-xhieda tal-Perit Ivan Bartolo f'paġ. 188 tal-proċess.*

[13] *Ara r-rapporti maħruġa u l-korrispondenza mibgħuta mill-Perit Anton Valentino Dokti. "AV" sa "AV7" f'paġġ. 190 sa 211 tal-proċess.*

[14] *Rik Nru. 184/09JRM.*

[15] *P.A. **9.12.2011** fil-kawża fl-ismijiet **Dr Jeremy De Bono noe v. MIDI p.l.c**. f'paġġ. 159 sa 166 tal-proċess.*

*qatt ma setgħu jiftħu kawża kontra tagħha jekk qabel ma jħallsux l-ispejjeż tal-kawża li rrinunzjaw għaliha, ħaġa li ma għamlux;*

*Illi l-Qorti tibda biex tgħid li, sa fejn MIDI ippruvat tqajjem "eċċezzjoni ulterjuri" fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, dan mhuwiex il-mod kif parti f'kawża tista' titħalla tagħmel dan. Il-liġi titkellem ċar[16] dwar kif parti mħarrka tista' tressaq eċċezzjoni ulterjuri wara li tkun diġà ressqet l-eċċezzjonijiet tagħha fl-att oriġinali tagħha. MIDI ma ħarsitx dak li titlob il-liġi f'dan ir-rigward, u għalhekk, sa fejn hija riedet tqajjem l-irregolarità tas-sejħa fil-kawża tagħha min-naħa tal-atturi għall-finijiet tal-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti mhijiex sejra tqis tali "eċċezzjoni". Dan jingħad ukoll minbarra l-fatt li, s-sejħa fil-kawża ta' MIDI f'din il-kawża ntlaqgħet qabel[17] ma l-atturi proprio ċedew il-kawża l-oħra kontra tagħha (kienet in-notifika li saret wara dik id-data); minbarra dan, jidher li filwaqt li l-kawża l-oħra kienet l-azzjoni estimatorja, din hija azzjoni ta' danni akwiljani u għalhekk ma tistax titqies bħala "kawża oħra għall-istess ħaġa"[18];*

*Illi, madankollu, l-eċċezzjoni preliminari mqanqla minn MIDI tistħoqq stħarriġ fuq is-saħħa tagħha nnifisha. Dik l-eċċezzjoni hija maħsuba biex twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti. Il-fatt li l-atturi rrininuzjaw għall-kawża mingħajr riżerva ma jfissirx li b'daqshekk jitilfu l-jeddijiet tagħhom li jagħmlu kawża oħra[19]. Jingħad ukoll illi f'każ ta' ċessjoni ta' kawża fejn il-Qorti ma tkunx tat il-fehma tagħha dwar it-talbiet attriċi fil-mertu, kemm-il darba l-Qorti fit-tieni kawża tista' timxi b'mod distint mill-ewwel kawża, iċ-ċessjoni m'għandhiex tkun ta' xkiel biex it-tieni Qorti tistħarreġ it-talbiet li jkollha quddiemha[20];*

*Illi f'dan il-każ jirriżulta li l-atturi fetħu żewġ kawżi fl-istess jum, li jġibu żewġ numri konsekuttivi, waħda kontra P&S (din il-kawża), u l-oħra kontra l-MIDI (minn issa 'l hemm imsejħa "it-tieni kawża"). Il-mertu tat-tieni kawża kien jirrigwarda difetti moħbija li l-atturi jgħidu li l-MIDI kienet taf bihom minn qabel u biex il-Qorti tillikwida l-"aestimatio" billi tnaqqa il-prezz li bih kisbu l-post, flimkien mad-danni talli MIDI kienet taf b'dawk id-difetti mistura. L-atturi jgħidu li fost il-ħsarat li ġarrbu hemm dawk li jirriżultaw minn difetti fl-aperturi u fit-terrazzin, u difetti fid-drains fil-livell tal-bejt u dawk li minnhom tinqeda l-pixxina. F'dik it-tieni kawża, il-perit Valentino (imqabbad ex parte mill-atturi) jgħid li ma hemmx relazzjoni bejn il-pixxina u t-terrazzin[21] u għaldaqstant id-difetti huma separati minn xulxin. Huwa jippreżenta korrispondenza li għaddiet bejn il-*

---

16 *Art. 728(2) tal-Kap 12.*

17 *Għall-kuntrarju ta' dak li tallega MIDI fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha (paġ. 305 tal-proċess), id-degriet li laqa' t-talba għas-sejħa fil-kawża ta' Midi ngħata fil-11.3.2010, u dan kien madwar xahrejn qabel ma l-atturi ċedew (fil-5.5.2010) il-kawża l-oħra li fetħu kontra l-istess MIDI.*

18 *Ara art. 907(2) tal-Kap 12.*

19 *P.A. A.E.* ***12.10.2012*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Mifsud et v. Joseph Camilleri et****.*

20 *P.A. JZM* ***11.6.2012*** *fil-kawżafl-ismijiet* ***A.I.Ċ. Joseph Barbara et v. Pawlu Carbonaro****.*

21 *Paġ. 140 tal-proċess.*

*partijiet[22] u li wkoll tressqet f'din il-kawża[23]. It-talbiet tat-tieni kawża kollha ġew ċeduti permezz ta' nota ppreżentata fil-5 ta' Marzu 2010 "stante fethim"[24]. Il-partjiet fit-tieni kawża naqsu li jgħarrfu lill-Qorti x'kien il-ftehim li ntlaħaq bejniethom li wassal biex it-talbiet attriċi kollha ġew ċeduti. Li hu fiż-żġur iżda hu li l-atturi rreżistew bil-qawwa li jħallsu l-ispejjeż tal-kawża, tant li fin-Nota ta' Ċessjoni huma "jżommu ferm il-kap tal-ispejjeż" [25]. Dan wassal biex din il-Qorti tat sentenza f'dan ir-rigward, u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bejn iż-żewġ partijiet indaqs;*

*Illi wara li qieset il-fatti u l-argumenti li nġabu quddiemha, il-Qorti tasal biex taqbel ma' MIDI dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha u dan għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, għalkemm huwa minnu li din il-kawża u t-tieni kawża huma azzjonijiet maqtugħa minn xulxin u għalkemm l-atturi ċedew biss l-atti kontra MIDI fit-tieni kawża biss, iċ-ċessjoni f'dik il-kawża kienet waħda ġenerika milħuqa bis-saħħa ta' ftehim (li l-atturi qatt ma fissru dwar xiex kien sar) li jolqot ir-responsabbiltà ta' MIDI fil-konfront tal-atturi proprio bħala l-bejjiegħ tal-post. Fit-tieni lok, il-premessi tar-rikors promotur f'din il-kawża jidhru li jduru madwar ix-xogħlijiet appaltati lil P&S, li l-MIDI ma kinitx imqabbda bl-ebda mod li tagħmilhom jew tissorveljahom. Fit-tielet lok, fit-tieni kawża kien ħareġ li MIDI kienet għamlet bi spejjeż tagħha xogħlijiet rimedjali fil-post tal-atturi li jirrigwardaw ilmenti li l-atturi jsemmu f'din il-kawża wkoll. Fir-raba' lok, meta l-atturi talbu s-sejħa fil-kawża ta' MIDI, iġġustifikaw dan fuq is-saħħa li "waqt l-aħħar seduta li fiha nġabru l-provi rriżulta mis-subizzjoni tal-konvenuta li s-soċjetà Midi plc hija involuta ġuridikament fil-każ in eżami"[26]. Din ir-raġuni hija miċħuda mill-atti tal-kawża: mhux biss sa dakinhar li tressaq ir-rikors għas-sejħa fil-kawża ma kienet għadha saret l-ebda seduta effettiva ta' smigħ ta' xhieda jew subizzjoni fl-ebda waħda miż-żewġ kawżi miftuħa mill-atturi, imma talli meta tressaq ir-rikors għas-sejħa fil-kawża ta' MIDI, l-atturi kienu diġà għarrfu lill-Qorti, fit-tieni kawża, li huma kienu se jċedu l-atti kontra l-istess MIDI[27]. Fil-ħames lok, l-atturi f'din il-kawża naqsu li mqar ifissru fejn MIDI trid twieġeb għax-xogħol magħmul minn P&S jew għall-ħsarat li huma jgħidu li ġarrbu minħabba tali xogħlijiet;*

*Illi dan iwassal biex il-Qorti issib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' MIDI hija tajba u sejra tilqagħha. Ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma tara l-ebda ħtieġa li tqis aktar l-eċċezzjonijiet l-oħrajn ta' MIDI billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda;*

*Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis* ***l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija mħarrka****. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, hija tgħid li l-azzjoni hija intempestiva billi għaddejjin diskussjonijiet bejnha u bejn partijiet oħrajn*

---

[22] *Dok. "JD02" f'paġ. 95 tal-proċess.*
[23] *Dok. "AV6" f'paġ. 209 tal-proċess.*
[24] *Paġ. 126 tal-proċess.*
[25] *Ibid.*
[26] *Ara rikors f'paġ. 18 tal-proċess.*
[27] *Ara verbal f'paġ. 125 tal-proċess.*

*li huma b'xi mod involuti fil-bini u tlestija ('finishes') tax-xogħlijiet fil-fond tal-atturi;*

*Illi l-eċċezzjoni ta' intempestività hija waħda ta' natura dilatorja u li għandha titqajjem fil-bidu tal-kawża*[28]*. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestività huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;*

*Illi mill-provi li l-Qorti għandha quddiemha, ma jirriżultax minnu dak li qiegħda tgħid P&S. Biex ikun ingħad kollox, minbarra li ma tressqet ebda prova f'dan is-sens, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, P&S naqset li tittratta din l-eċċezzjoni. Minbarra dan, il-fatt li P&S baqgħet tikkontesta l-pretensjonijiet attriċi jixhed li, jekk kien hemm xi negozjati, dawn ma kienu ħallew l-ebda frott;*

*Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari bħala mhix mistħoqqa;*

*Illi għar-rigward tal-**mertu tat-talbiet attriċi** u tal-**eċċezzjonijiet fil-mertu ta' P&S**, il-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jintrabtu mal-każ iridu jiġu mistħarrġa mill-kostatazzjonijiet magħmulin mill-Perit Tekniku fir-Relazzjoni tiegħu. Dan jingħad għaliex huwa kellu opportunità jifli l-provi li tressqu (jew li naqsu li jressqu) mill-partijiet, u wkoll li jara b'għajnejh ix-xogħol li kien sar u minn min. Ir-raġunament imfisser fir-Rapport imressaq mill-imsemmi perit jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti tista' toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalità sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux*[29]*. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha*[30]*, madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli*[31]*;*

*Illi l-Qorti (diversament presjeduta) ħatret Perit Tekniku sabiex, fost oħrajn, jfittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ. Xieraq jingħad li l-istess perit inħatar qabel ma MIDI kienet issejħet fil-kawża u qabel ma saret it-talba għal tali sejħa. Sa dakinhar li nħatar il-perit tekniku, il-*

[28] *Ara Kumm.* ***28.5.1965*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Spiteri v. Ellul*** *(Kollez. Vol: XLIX.iii.1161).*
[29] *App. Ċiv.* ***9.2.2001*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Benjamin Camilleri v. Carmel Debattista et****.*
[30] *Art. 681 tal-Kap 12.*
[31] *App. Ċiv.* ***23.6.1967*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Buġeja et v. Muscat et*** *(Kollez. Vol: LI.i.389).*

*kawża kienet kontra P&S waħedha u x-xiljiet tal-atturi kienu kollha u esklussivament immirati lejn P&S. Dawk il-parametri tal-azzjoni attriċi baqgħu ma nbidlu qatt u, meta MIDI iddaħħlet fil-kawża bħala msejħa, it-talbiet kienu baqgħu indirizzati kontra P&S biss;*

*Illi mill-kostatazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku maħtur u mir-ragunijiet dettaljati li jaghti fir-Relazzjoni tieghu, joħroġ ċar li għall-ilmenti tal-atturi u l-ħsarat imġarrbin minnhom, P&S ma tistax titgħabba bi ħtija dwar kollox. Il-perit sab li P&S għandha ħtija ta' parti biss mill-ħsarat li ġarrbu l-atturi u dan kien meta naqset li tipprovdi superviżjoni xierqa waqt li kienet qed timtela l-pixxina. Minħabba dan in-nuqqas ta' superviżjoni, il-pixxina mtliet bla ma kien hemm xiħadd minn P&S jara l-proċess jintemm u, minħabba tali nuqqas, il-pixxina faret u l-ilma qaleb għal ġol-post tal-atturi u għarraq l-art u mkejjen oħra tal-post. Fil-fehma tal-perit tekniku, dan in-nuqqas ikkwantifikah li jitla' għal għaxra fil-mija (10%) tal-ħtija kollha tad-danni mġarrba mill-atturi proprio[32];*

*Illi għar-raġunijiet imsemmija aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti ma tistax tgħabbi lil MIDI b'xi parti mill-ħtija, għalkemm il-fehmiet tal-perit tekniku ma jħallu l-ebda dubju li, għall-ħsarat imġarrba mill-atturi, hi kellha terfa' parti konsistenti minn dik il-ħtija. Il-Qorti tqis ukoll illi l-partijiet ma ressqux talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali biex iwaqqgħu l-fehmiet imtennija mill-Perit Tekniku. Madankollu, huwa minnu li kemm P&S u kif ukoll MIDI eskutaw lill-istess perit u, fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom, ressqu lill-Qorti argumenti qawwija u studjati li jgħidu li l-ebda waħda minnhom ma għandha terfa' xi ħtija. Minkejja dan, din il-Qorti ma ssibx li dawk l-argumenti jseħħilhom jikkonvinċuha biex twarrab ir-riżultati teknici li joħorgu minn dik ir-Relazzjoni biex, minflok, tadotta l-fehmiet tagħhom;*

*Illi P&S tisħaq li ma kien hemm l-ebda rabta kawżali bejn ix-xogħol li tqabbdet tagħmel u l-għargħar tal-post tal-atturi. Tgħid ukoll li l-atturi naqsu li jippruvaw kif imiss li dak li ġara kien ħtija tagħha. Tipprova wkoll tixħet il-ħtija fuq MIDI jew terzi li ma tagħrafx issemmi, bħala l-kawża tal-ħtija tal-qlib tal-ilma fil-post tal-atturi. Iżda, lil hinn minn dawk is-sottomissjonijiet, il-Qorti ma tistax twarrab il-prova (bl-ebda mod miċħuda) mressqa minn rappreżentant ta' P&S innifisha, li l-mili tal-pixxina tal-atturi wara li ntemmu x-xogħlijiet appaltati lilha kien xogħolha. Fil-fehma tal-Qorti (u wkoll riflessa fil-kunsiderazzjonijiet tal-perit tekniku) il-mili tal-pixxina u t-testijiet marbuta magħha kienu jitolbu li P&S tara u tissuperviżża l-proċess kollu. Minflok, hija tidher li tallega li xiħadd fetaħ il-pipe biex jimla l-pixxina u telaq mill-post u ħallih għaddej. Din il-Qorti tifhem li s-superviżjoni li P&S kellha twettaq kienet tali li, f'każ bħal dan, in-nies tagħha kienu jibqgħu fuq il-post biex jivverifikaw ukoll jekk is-sistema tad-drenaġġ tal-ilma żejjed f'każ li l-pipe jibqa' jfawwar kienx jaħdem biex iferragħ l-ilma ż-żejjed ġol-katusa minflok tħallih ifur mal-ġnub tal-pixxina. Kieku tassew kien hemm xi ħadd fuq il-post meta l-pixxina bdiet tfur, kien jirriżulta jekk is-sistema tal-overflow kienx*

[32] *Relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Godwin P. Abela f'paġ. 183 tal-proċess.*

*imqabbad tajjeb mas-sistema tad-drenaġġ (jew jekk kinitx imblukkata b'materjal li jsodd l-istess sistema) u wkoll ma kinitx issir il-ħsara li saret lill-art u mkejjen oħra tal-post tal-atturi;*

*Illi, fil-fehma tal-Qorti dawn iċ-ċirkostanzi joħolqu r-rabta kawżali bejn il-fatt dannuż u r-raġuni tal-ħsara mġarrba. U, minkejja li P&S tippunta s-swaba' lejn ħaddieħor għal dak li ġara, f'dan ir-rigward dan in-nuqqas ta' superviżjoni xierqa jaqa' fuqha biss. Għalhekk, il-Qorti ssib li hemm raġuni legali li ssejjes il-fehma teknika tal-perit maħtur li P&S għandha terfa' parti mill-ħtija għall-ħsara mġarrba mill-atturi;*

*Illi minħabba f'hekk,* ***l-ewwel talba*** *attriċi jixraq li tintlaqa', għalkemm mhux għalkollox għaliex ħareġ ċar li P&S ma taħtix għall-ħsarat kollha li dwarhom l-atturi proprio fetħu din il-kawża;*

*Illi għar-rigward tal-kwestjoni tal-**likwidazzjoni tad-danni** tressqu provi mill-atturi dwar in-nefqiet li ħarġu biex sewwew il-ħsara li ġrat. Jidher li, kemm fil-mori ta' din il-kawża u kif ukoll tat-tieni kawża, saru x-xogħlijiet li irrimedjaw għall-imsemmija ħsarat. Għal dak li jirrigwarda l-ħtija ta' P&S f'dak li ġara, il-Perit Tekniku qies li d-dħul tal-ilma mill-bejt wassal biex l-art tal-parquet kellha tinqala' u tintrema b'nefqa ta' wieħed u għoxrin elf u sebgħa u sittin ewro (€21,066.94) li jinkludu l-prezz tal-parquet u t-tqegħid ta' materjal ieħor minfloku[33]. Lill-Qorti iżda jirriżultalha[34] li, minflok il-parquet li tneħħa, tqiegħed tapit fiss ("carpeting"), u biex seta' jitneħħa l-parquet kellha tiżżarma l-għamara mill-fond. Dan wassal biex l-atturi daħlu f'nefqa oħra ta' ftit aktar minn tmintax-il elf u tmien mitt ewro (€18,805.41)[35]. B'hekk it-total tal-ammont ta' danni likwidat dovut minn P&S jitla' għal PA huwa ta' tlitt elef disa' mija u sebgħa u tmenin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€3,987.24)[36];*

*Illi għall-finijiet tat-**tielet talba attriċi** l-Qorti sejra tikkundanna lil P&S tħallas lill-attur nomine s-somma likwidata fit-tieni talba attriċi;»*

9. Il-kumpanija P & S Ltd. appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fil-5 ta' Marzu, 2020, u talbet għat-tħassir tagħha u dan wara li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet tal-appellat *nomine*.

---

*[33] Dawn l-ammonti jirriżultaw minn Dok. "GAB7" f'paġ. 242 tal-proċess: €20,116.94 + €500 + €450 = €21,066.94.*
*[34] Xhieda ta' Greta Apap Bologna f'paġ. 235 tal-proċess.*
*[35] Ara Dok "GAB7" f'paġ. 242 tal-proċess u l-partiti €357.34 + €3,314.22 + €8,459 + €2,207.18 + €3.642.92 + €158.05 + €666.70 = €18,805.41.*
*[36] 10% ta' €21,066.94 + €18,805.41 (€39,872.35) = € 3,987.24.*

10. L-attur *nomine* wieġeb permezz ta' risposta mressqa fis-6 ta' Settembru, 2023 u fiha ta r-raġunijiet għala l-appell tal-kumpanija konvenuta għandu jiġi miċħud.

11. Minkejja li l-kumpanija msejħa fil-kawża Midi p.l.c. ġiet debitament notifikata ma ressqet l-ebda risposta.

12. Inżammet seduta fis-7 ta' Diċembru, 2023, li fiha l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu aktar mal-atti u li l-kawża tista' titħalla għas-sentenza. Għalhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Din il-kawża hija waħda ta' danni minħabba d-dħul ta' ilma fil-fond tal-atturi wara xogħlijiet appaltati.

14. Il-kumpanija konvenuta sejset l-appell tagħha fuq **aggravju waħdieni**, ċjoè, li l-Ewwel Qorti kienet fattwalment żbaljata meta għamlet tagħha l-konklużjonijiet tal-perit imqabbad minnha, li kkonkluda li l-kumpanija konvenuta għandha ħtija ta' parti mill-ħsarat li ġarrbu l-atturi. Tgħid li skont l-imsemmi perit, il-kumpanija appellanti naqset milli tipprovdi superviżjoni xierqa waqt li kienet qiegħda timtela l-pixxina, bil-

konsegwenza li din faret u l-ilma qeleb għal ġewwa l-post tal-atturi u għarraq l-art u mkejjen oħra tal-post. L-istess perit tekniku kkwantifika dan in-nuqqas tal-kumpanija konvenuta fil-perċentwal ta' 10% tal-ħtija tad-danni kollha mġarrba mill-atturi.

15. Jibda billi jiġi nnutat li, ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza fejn intlaqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpanija msejħa fil-kawża Midi p.l.c., li permezz tagħha nħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju u għalhekk illum-il ġurnata dik il-parti tad-deċiżjoni titqies bħala waħda finali.

16. Ngħaddu sabiex inqisu l-qofol tal-aggravju tal-kumpanija konvenuta appellanti. Hija tilmenta li l-Ewwel Qorti qieset il-prova li l-mili tal-pixxina tal-atturi kien parti mix-xogħol appaltat lilha u għalhekk kien jaqa' fuqha li twettaq superviżjoni sħiħa ta' dan il-proċess. Dan wassal lil dik il-Qorti tiddeċiedi li n-nuqqas li jkun hemm xi ħadd preżenti meta l-pixxina bdiet tfur wassal ukoll sabiex ikun hemm ħsara fil-proprjetà tal-atturi.

17. Madankollu l-appellanti tgħid li mill-provi, b'mod partikolari mix-xhieda ta' Olvin Mangion irriżulta li, meta seħħ dan l-inċident f'Jannar tas-sena 2008 ma kienx hemm ħaddiema ta' P & S Ltd preżenti fuq il-post għar-raġuni li kienu lestew ix-xogħol. Kien għalhekk li telqu minn fuq il-

post. Tissokta tgħid li din il-prova ma ġietx kontradetta minn provi oħra.

18. Jingħad ukoll mill-kumpanija appellanti li meta seħħ l-inċident kien hemm ħaddiema oħra, li ma kinux imqabbda minn P & S Ltd, li kienu fuq il-post u li kienu qegħdin jagħmlu xogħlijiet ta' installazzjoni ta' *kitchenette* fl-arja tal-pixxina. Filwaqt li mhuwiex kontestat mill-kumpanija appellanti li hija kienet responsabbli għall-mili tal-pixxina, iżda dan ix-xogħol kien laħaq tlesta.

19. Barra minn hekk, il-kumpanija appellanti tgħid li prova oħra li ssaħħaħ il-verżjoni tagħha li mhix responsabbli għall-inċident huwa li l-pajp li tħalla miftuħ maġenb il-pixxina kien *supply pipe* – jiġifieri mhux l-istess tip ta' pajp li kien jintuża mill-appellanti sabiex timtela l-pixxina. Ġie spjegat li l-kumpanija appellanti kienet tuża *automatic topping line* għal dan il-għan u fuq rakkomandazzjoni tal-kumpanija msejħa fil-kawża Midi p.l.c.

20. Il-kumpanija appellanti tikkonċedi li għalkemm huwa minnu dak li xehed il-perit tekniku mqabbad mill-Ewwel Qorti, fis-sens li ma ġiex stabbilit proprju min kien preżenti fiż-żmien relattiv, madankollu tgħid li ġie fil-fatt stabbilit min ma kienx hemm, jiġifieri l-ħaddiema inkarigati mill-appellanti, peress li dawn kienu ilhom li lestew u telqu.

21. Għaldaqstant skont il-kumpanija appellanti, dan kollu m'għandux ħlief ifisser li l-atturi naqsu milli jippruvaw li l-kumpanija konvenuta appellanti għandha xi tort għall-inċident li seħħ. Jiġi b'hekk, li jonqos in-ness kawżali meħtieġ mil-liġi sabiex jorbot il-kumpanija appellanti mal-inċident tad-dħul tal-lma li seħħ fl-appartament tal-atturi.

22. Raġuni oħra għaliex il-kumpanija appellanti ssostni li hija kellha tinħeles mir-responsabbiltà hija li l-qies tal-pajp li nstab miftuħ kien ta' ħmistax-il millimetru wiesgħa, filwaqt li l-*overflow* tal-pixxina kellha pajp ta' tnejn u tletin millimetru. Dan ifisser skontha li kif aċċettat mill-perit tekniku, id-dħul tal-ilma fl-appartament tal-atturi seħħ peress li d-*drains* tal-pixxina ma kinux komunikati mal-*vertical stack* fix-xaft, liema xogħol ma kienx responsabbiltà tagħha, iżda kien xogħol li jaqa' fir-responsabbiltà tal-kumpanija msejħa fil-kawża. Għalhekk tisħaq li kieku dan ix-xogħol sar sew ma kienx iseħħ id-dħul tal-ilma ġewwa l-appartament tal-atturi.

23. Il-kumpanija appellanti tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti skartat ukoll il-fatt dwar it-tieni inċident li seħħ f'Ottubru tas-sena 2008, li wkoll kien jittratta dħul ta' ilma fl-appartament tal-atturi (li dwaru l-konvenuta appellanti ma tqisitx responsabbli). Dan l-inċident huwa ta' rilevanza partikolari peress li wara dan l-inċident irriżulta li d-*drains* tal-pixxina kienu mblukkati b'diversi biċċiet tal-plastik u materjal ieħor. Issostni li din kienet

fil-fatt ir-raġuni ewlenija għalfejn meta s-*supply pipe* tħalla miftuħ seħħet il-perkolazzjoni tal-ilma u d-danni li hija qiegħda tinżamm parzjalment responsabbli għalihom. Mix-xhieda ta' Olvin Mangion irriżulta li meta huma ntalbu jaċċedu fuq il-post wara maltempata fejn għal darb'oħra seħħ id-dħul ta' ilma fil-fond tal-atturi, irriżulta li d-*drains* tal-pixxina kienu mblukkati mimlija bil-biċċiet tal-plastik, kif ukoll ħmieġ ieħor li mblokka l-pajp. Dan wassal sabiex għarraq l-arja tal-*pool deck*.

24. Dan apparti n-nuqqas li d-*drains* ma kinux ikkomunikati ma' dawk vertikali fix-xaft. Din ix-xhieda hija korroborata minn dik tal-Perit Ivan Bartolo. Wara kollox, kif osservat mill-istess perit tekniku l-komunikazzjoni tad-*drains* ma' dawk tax-xaft prinċipali, «*kienet responsabbiltà tal-Midi u mhux tas-soċjetà intimata*.»

25. Il-kumpanija appellanti tisħaq li l-perit tekniku, fl-eskussjoni kkonċeda li, għalkemm hija kienet responsabbli mill-*pool deck* u mid-*drains,* is-sadd li seħħ minħabba d-*debris* u mbarazz li ħalla ħaddieħor, ma kienx riżultat tat-traskuraġni tagħha, iżda riżultat tat-traskuraġni ta' terzi. Għalhekk il-kumpanija appellanti ssostni li hija ħasra li l-Ewwel Qorti skartat dawn ir-riżultanzi fattwali.

26. Raġuni oħra mogħtija mill-appellanti bħala kawża prinċipali li seħħ id-dħul tal-ilma fl-appartament tal-atturi, kienu d-difetti fil-*waterproofing*

*membrane* – xogħol ieħor li għalih ma kinitx responsabbli għalih. Din l-osservazzjoni saret mill-Perit Anton Valentino mqabbad mill-istess atturi. Issir referenza wkoll għar-ritratti esibiti minnha li juru biċ-ċar l-istat ħażin li dan il-*waterproofing membrane* kien jinsab fih.

27. Għalhekk, il-kumpanija appellanti tistieden lil din il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet: (a) li P & S Ltd. ma pprovditx superviżjoni waqt il-mili tal-pixxina; (b) li ma kien hemm ħadd minn P & S Ltd jara li l-proċess tal-mili jintemm; (ċ) li l-pixxina faret minħabba nuqqas ta' sorveljanza; (d) li n-nies ta' P & S Ltd kellhom jibqgħu fuq il-post sabiex jaraw ħaddieħor jimlix il-pixxina; u (e) li n-nies ta' P & S Ltd kellhom jivverifikaw is-sistema tad-drenaġġ tal-ilma – xogħol li m'għamlitx hi.

28. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li sa fejn il-kumpanija appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta straħet fuq il-konklużjonijiet tal-perit tekniku mqabbad minnha, tajjeb li jiġu mfakkra numru ta' prinċipji mħaddma b'rabta ma' din it-tema ta' perizja magħmula fuq ordni tal-Qorti, ċjoè, min ma jaqbilx ma' rapport ta' espert imqabbad mill-Qorti għandu rimedju mogħti lilu mil-liġi *viz*. dak li jagħmel mistoqsijiet fl-eskussjoni lill-istess Perit u li jitlob il-ħatra ta' periti addizzjonali. Għalkemm huwa minnu li l-kumpanija konvenuta appellanti għamlet użu mill-ewwel għodda proċedurali, hija naqset milli tagħmel użu mit-tieni waħda.

29. Huwa magħruf li min ma jagħmilx użu mill-mezzi legali disponibbli sabiex jikkontrasta rapport tal-perit tal-Qorti, ma jistax imbagħad jippretendi li l-Qorti twarrab dak ir-rapport, sempliċement peress li parti ma taqbilx miegħu (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2015, fil-kawża fl-ismijiet ***George Muscat v. Helen Xerri et***, dik tas-16 ta' Diċembru, 2019, fl-ismijiet ***Felix Mifsud et v. Tonio Cuschieri et*** u tat-12 ta' Lulju, 2023 fl-ismijiet ***Victor Privitiera v. Mohammed Aldeeb et***).

30. Hekk ukoll, kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-perizja teknika għandha fiha nnifisha piż probatorju li ma jistax jiġi mwarrab kif ġieb u laħaq. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti trid tkun waħda nfurmata sew u trid tkun ukoll imsejsa fuq raġunijiet li jpoġġu f'dubju serju l-fehma teknika li tkun ġiet imressqa quddiemha mill-esperti mqabbda minnha (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Asset Investments Ltd v. Awtorità tad-Djar*** tat-13 ta' Ottubru, 2022, kif ukoll dik fl-ismijiet ***Doreen Galea Souchet v. Joseph Farrugia proprio et nomine*** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023).

31. Barra minn hekk, din il-Qorti ttenni li huwa minnu illi bis-saħħa tal-**Artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-Ewwel Qorti għandha d-diskrezzjoni li ma taċċettax il-konklużjoni tal-periti tekniċi kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha, u dan irrispettivament mill-fatt

jekk saritx ħatra ta' periti addizzjonali (ara s-sentenzi deċiżi minn din il-Qorti fl-ismijiet ***AIC David Xuereb proprio et nomine v. Tom Jansen et*** deċiża fit-12 ta' Lulju, 2023 u dik fl-ismijiet ***Nathalie Bartolo v. Id-Dentist Dr Jeffrey Pullicino Orlando et*** fil-31 ta' Mejju, 2023, – u r-rassenja ta' sentenzi hemm miġbura li jistħarrġu l-istess kunċett).

32. Madankollu, sabiex l-Ewwel Qorti tasal ma taċċettax il-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit, dan ma jistax isir b'mod leġġer jew kappriċċuż, anzi jingħad illi jekk il-Qorti jkollha konvinzjoni kuntrarja din għandha tkun mgħarrfa tajjeb biżżejjed u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu nieqsa mill-konsiderazzjonijiet tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Josephine Azzopardi pro et noe et v. Carmelo Borg et*** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023, kif ukoll ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża fis-17 ta' Marzu, 2021, fejn issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe*** deċiża fid-29 ta' Mejju, 1998), jekk le jkun bil-wisq prużuntuż għall-ġudikant li jaġixxi mod ieħor.

33. Miżmuma dawn il-prinċipji, għalkemm huwa minnu li Olvin Mangion fl-affidavit tiegħu sostna li l-ewwel inċident ta' Jannar seħħ wara li l-kumpanija konvenuta kienet lestiet ix-xogħlijiet, u dan ġie mtenni minnu waqt ix-xhieda mogħtija minnu fit-8 ta' Novembru, 2011, din il-prova mhix

daqstant konvinċenti għal numru ta' raġunijiet. Hekk pereżempju, meta l-istess Mangion tressaq għall-kontroeżami waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012, huwa ma baqax isostni l-istess verżjoni hekk kif xehed hekk:

> *«Qed niġi mistoqsi jekk niftakarx, b'referenza għal din il-pool partikolari, meta beda u spiċċa x-xogħol tagħna u ngħid illi ma niftakarx u rrid infittex ir-rekords tagħna. Qed niġi muri Dok. GAB 1 esibit mal-affidavit ta' Greta Apap Bologna u nista' ngħid illi wara li rajt dan id-dokument nikkonferma li x-xogħlijiet f'dan il-pool bdew għal ħabta ta' Marzu 2007 u* <u>*spiċċaw għal ħabta ta' Frar 2008. Il-pool imtliet Frar 2008*</u>*, jien ma kontx preżenti meta mtliet, kien qed jieħu ħsieb wieħed mill-ħaddiema tiegħi forsi Jason Buhagiar. Biex timla l-pool mill-vit għandek tal-anqas ħamest ijiem u f'dan il-każ hekk ġara.»* (enfasi ta' din il-Qorti)

34. Minkejja li dan ix-xhud kompla jixhed f'seduta oħra huwa ma ressaq l-ebda xhieda, dokument jew *records* li jxejnu din l-aħħar xhieda tiegħu. Huwa obbligu tal-partijiet li jressqu l-aħjar prova biex isaħħu l-każ tagħhom. F'dan il-każ, ix-xhieda li oriġinarjament ingħatat minn Olvin Mangion, li fuqha jissejjes l-aggravju tal-kumpanija appellanti, tinsab meruta mix-xhieda tiegħu stess, mogħtija aktar 'il quddiem fil-kawża u għalhekk qajla tista' tiġi deskritta bħala l-aħjar prova li fuqha setgħet tistrieħ l-Ewwel Qorti. Il-kumpanija konvenuta appellanti setgħet tressaq diversi provi sabiex issaħħaħ il-verżjoni tagħha li hija kienet laħqet lestiet u telqet minn fuq il-post fejn saru x-xogħlijiet bħal *roster* tal-ħaddiema tagħha, jew il-ħaddiema stess li kienu responsabbli li jimlew il-pixxina bl-ilma. Dan iżda m'għamiltux.

35. Huwa prinċipju kardinali f'materja ta' provi li, *incumbit probatio ei*

*qui dicit non ei qui negat***,** jiġifieri jispetta lil min jallega li jipprova. Għalhekk jibqa' obbligu tal-partijiet, sabiex jesebixxu d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tagħhom. Fil-fatt, **l-Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova. L-obbligu jaqa' fuq il-partijiet fil-kawza. Huwa minnu wkoll, li fl-istess provvediment jingħad li, il-Qorti għandha dritt tesiġi li titressaq l-aħjar prova, iżda dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha xi obbligu li tikkonduċi l-provi tal-partijiet minflokhom.

36. Normalment, sempliċi dikjarazzjonijiet li ma jkunux sostnuti minn provi oħra konkreti, diffiċilment inisslu fil-ġudikant dak il-konvinċiment morali meħtieġ sabiex tali allegazzjoni tingħata l-kredibilità mixtieqa, aktar u aktar meta l-provi fl-atti aktar jagħtu sostenn lit-teżi tal-kontroparti. Wara kollox, il-kawżi jiġu deċiżi fuq provi u mhux sempliċi dikjarazzjonijiet (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Fimbank p.l.c. v. Arex LLP et*.)**

37. F'dokument esibit mill-atturi bħala **Dok. GAB** 3, datat 4 ta' Frar, 2008 (f'paġna 238 tal-proċess) jirriżulta li l-kumpanija konvenuta kienet qiegħda titlob għall-ħlas tal-bilanċ peress li, *works ...have been completed.»* Għalkemm dan id-dokument ma jagħtix data preċiża ta' meta tlestew ix-xogħlijiet, lanqas jista' jingħad li jagħti sostenn lit-teżi tal-kumpanija appellanti.

38. Fin-nuqqas, tal-kumpanija konvenuta li tressaq l-aħjar prova, kif titlob il-liġi, ma tistax issa tilmenta li l-Ewwel Qorti skartat il-prova mressqa minnha permezz tax-xhieda ta' rappreżentant tagħha, jew tipprova tixħet dubju billi tgħid li seta' kien hemm ħaddieħor li ħalla l-ilma mifuħ. Wara kollox, l-istess kumpanija appellanti tammetti li kien parti mix-xogħol appaltat lilha li timla l-pixxina bl-ilma. Jiġi b'hekk, li dan l-argument tal-kumpanija appellanti ma jreġix bħala raġuni valida għalfejn l-Ewwel Qorti kellha twarrab il-piż probatorju tal-perizja teknika, peress li l-prova li fuqha tistrieħ mhix waħda soda.

39. L-istess jista' jingħad dwar is-*supply pipe*. Għalkemm Olvin Mangion fl-affidavit xehed li P & S Ltd ma timlix il-pixxina permezz ta' *supply pipe* iżda jużaw *automatic topping line,* imma mbagħad fil-kontroeżami xehed hekk:

> *«Qed niġi mistoqsi kienx tiegħi l-pajp li nstab maġenb il-pool li minnu kien ħareġ l-ilma u ngħid li mhux ċert. Nista' ngħid li dak iż-żmien kien hemm ħaddiema oħra.»*

40. Filwaqt li fis-seduta ta' wara, l-istess Mangion xehed hekk:

> *«Nikkonferma li l-pool kien qed jimtela bil-pajp. Mistoqsi kemm dam jimtela l-pool ngħid li ma nafx però naf li l-auto top-up kien qed jiġi operat. Ma nistax niftakar meta l-pool ġiet mimlija.»*

41. Għal darb'oħra, qajla jista' jingħad li din ix-xhieda hija waħda konvinċenti. Aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra x-xhieda ta' Mario

Sammut, *construction manager* mal-Midi li xehed:

> *«Dakinhar li seħħ dan l-inċident, kienet inġibditli l-attenzjoni li l-pipe li kien intefa' fil-pool mill-ħaddiema ta' Pool and Spa Supplies Ltd biex jimtela l-pool kien tħalla għaddej bl-ilma għal aktar ħin milli kien hemm bżonn sabiex jimtela l-pool bil-konsegwenza li kien hemm overflow ta' ilma li perkola minn fejn hemm il-pool area għal isfel għal ġol-appartament tal-konjuġi Jeanneret. Minn dak li nista' niftakar, dan il-pipe kien tħalla jibqa' għaddej 'overnight'.»*

42. Ma jirriżultax li sar kontroeżami ta' dan ix-xhud.

43. Hekk ukoll, John Cassar, *construction manager* mal-kumpanija msejjħa fil-kawża li xehed hekk:

> *«Fil-blokki li kont responsabbli għalihom jien il-pool kienet timtela b'pajp imqabbad mal-aktar vit tal-ilma viċin. Ġeneralment kont niltaqa' ma' impjegat tal-Pool & Spa, ċertu Jason, dan nafu għax ġieli ġie u lmenta li ħadulu l-pajp. Jien pajp imqabbad ma' vit rajtu.»*

44. Għalkemm fil-kontroeżami dan ix-xhud ikkonċeda li l-pajp imqabbad mal-vit kien għall-użu ta' kulħadd, fis-sens li kulħadd seta' jagħmel użu minnu, mill-assjem tal-provi, din il-Qorti ma tqisx li b'daqshekk il-kumpanija appellanti rnexxielha tipprova b'mod konvinċenti dak li ssostni fl-appell tagħha, anzi tqis li dawn ix-xhieda jxejnu l-verżjoni tagħha.

45. Huwa minnu wkoll li l-perit tekniku wieġeb il-mistoqsija fl-eskussjoni tiegħu fis-sens li, «*Mix-xhieda ma ġiex identifikat min mis-soċjetà intimata dakinhar tal-inċident kien preżenti.*» Iżda b'daqshekk, ma jfissirx li ġie

ppruvat li l-ħaddiema tal-kumpanija konvenuta appellanti kienu lestew ix-xogħlijiet, inkluż il-mili tal-pixxina bl-ilma. Wara kollox l-istess perit ikompli jgħid:

> *«Olvin Mangion xehed li s-soċjetà intimata kienet responsabbli bil-mili tal-pool u l-Perit Ivan Bartolo xehed illi l-pool imtliet b'pajp tal-ilma li tħalla miftuħ overnight; b'dan li meta beda dieħel l-ilma ħadd mis-soċjetà intimata ma kien preżenti.»*

46. Mit-tweġibiet li ngħataw mill-perit tekniku, wieħed malajr jinduna li ma jistax jingħad li l-perit tekniku mar lura mill-konklużjoni tiegħu, anzi baqa' konsistenti fil-konklużjoni tiegħu. Dan jingħad b'referenza għal dak li ngħad mill-perit fis-sens illi, għalkemm id-dħul ta' ilma fil-fond tal-atturi seħħ numru ta' drabi u kaġun ta' kawżi differenti, jibqa' l-fatt li:

> *«Waħda mill-kawżi kienet li l-pool tħalliet timtela u tfur u b'konsegwenza t'hekk niżel ilma min ġox-xaft għall-appartament tal-atturi. It-tort attribwit lis-soċjeta intimata huwa parzjali u wieħed minimu, għalhekk ingħatat l-opinjoni li d-danni kkawżati mis-soċjetà intimata għandhom ikunu biss 10% tat-total.»*

47. Għalhekk wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi fl-atti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li wara li qieset il-fehmiet tal-perit tekniku, it-tweġibiet mogħtija minnu waqt l-eskussjoni u l-argumenti magħmula fis-sottomissjonijiet tal-partijiet, iddeċidiet li dawk l-argumenti ma kkonvinċewhiex sabiex twarrab ir-riżultati tekniċi li joħorġu mir-relazzjoni tiegħu, iżda minflok iddeċidiet li toqgħod fuq il-fehmiet tiegħu. Ma kien hemm xejn għalhekk irraġonevoli fil-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti.

48. Sa fejn imbagħad il-kumpanija konvenuta appellanti ssostni li l-atturi naqsu milli jippruvaw in-ness kawżali, li jorbotha mal-inċident, jiġi osservat li l-azzjoni attriċi tissejjes fuq il-*culpa*, jiġifieri li l-aġir negliġenti tal-kumpanija konvenuta wassal sabiex hija ġġarrab d-danni. Id-diliġenza li wieħed għandu juża fl-eżekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni hija ta' *bonus pater familias* (missier tajjeb tal-familja) u dan skont l-**Artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili**. Fl-istess **Kodici Ċivili** jinghad ukoll li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (**Artikolu 1031**) meta jirriżulta li fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (**Artikolu 1032**).

49. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2019, fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire*** l-kolpa kuntrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni, jew fl-eżekuzzjoni ħażina tal-obbligazzjoni riżultanti mill-kuntratt (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Busuttil v. Emanuele Schembri*** deċiża fid-19 ta' Frar, 1954. Sfiq ma' dan hemm prinċipju ieħor illi, «*l-appaltatur li jeżegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina*» (ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Kompetenza Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***Pierre Darmanin v. Moira Agius et*** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2004).

50. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna jirriżulta aċċettat li l-mili tal-pixxina tal-konjuġi Jeanneret bl-ilma kien jifforma parti mill-appalt mogħti lill-kumpanija konvenuta. L-ewwel inċident seħħ proprju meta l-pixxina kienet qiegħda timtela bl-ilma permezz ta' pajp, liema eżerċizzju twettaq mingħajr ma kien hemm is-superviżjoni meħtieġa, liema obbligazzjoni kienet ċertament dik tal-kumpanija appellanti.

51. Il-Perit Ivan Bartolo, imressaq mill-atturi, li dak iż-żmien kien inkarigat minnhom xehed:

> *«Naf li tpoġġa supply pipe ġol-pool biex din timtela għax kienet tlestiet. Dan il-pajp tħalla overnight biex jimtela l-pool u ġara li kien hemm overflow tal-ilma li, meta daħal fid-drain sab id-drain miżdud u kien hemm overflow mal-ħitan interni tax-xaft. Jien ma rajtx il-pajp però infurmani Mario Sammut li kien inkarigat mill-MIdi sabiex jagħlaq ix-xogħlijiet tad-diversi binjiet.»*

52. Għalkemm jeżistu raġunijiet oħra li kkontribwew għal dan it-tgħarriq, jiġifieri, il-problema tas-sadd tad-*drains,* in-nuqqas li jiġu komunikati d-*drains* tal-pixxina mad-*drains* vertikali fix-xaft u difetti fit-tqegħid tal-*waterproofing membrane,* jibqa' l-fatt li n-nuqqas tal-kumpanija konvenuta appellanti kien fattur li fih innifsu wassal għall-ewwel inċident fejn daħal l-ima fil-proprjetà tal-atturi.

53. Għalhekk jirriżulta li l-konjuġi Jeanneret irnexxielhom jippruvaw in-ness kawżali bejn l-aġir tal-kumpanija appellanti bħala appaltatriċi, li naqset meta ħalliet il-pixxina timtela mingħajr superviżjoni u l-event

dannuż fejn din faret u d-dħul tal-ilma kkawża d-danni fil-fond tagħhom. Minkejja li r-rappreżentant tal-kumpanija konvenuta appellanti jiċħad li dan l-inċident seħħ konsegwenza tal-aġir tal-impjegati tagħha, anzi jittanta jixħet dubju li setgħu kienu terzi, kif ingħad qabel, din il-Qorti mhix konvinta. Wara kollox, jiġi osservat ukoll li, ħadd aktar ma kellu l-obbligu li jimla l-pixxina tal-atturi bl-ilma.

54. Għalhekk ma jistax jingħad li l-konvenuta appellanti wettqet ix-xogħol li hija kienet inkarigata twettaq bi prudenza, diliġenza u l-attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja u għalhekk jeħtieġ li twieġeb għan-nuqqas tagħha. Għaldaqstant dan l-argument ukoll ma jirriżultax bħala wieħed mistħoqq.

55. Sa fejn il-kumpanija appellanti tisħaq li jinsab aċċertat mill-perit inkarigat mill-Qorti li l-komunikazzjoni tad-*drains* tal-pixxina mad-*drains* vertikali fix-xaft kienet responsabbiltà tal-Midi u mhux tagħha, din il-Qorti ma taqbilx li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qalet li kieku kien hemm xi ħadd fuq il-post meta l-pixxina bdiet tfur, kien: «*jirriżulta jekk is-sistema tal-overflow kienx imqabbad tajjeb mas-sistema tad-drenaġġ (jew jekk kinitx imblukkata b'materjal li jsodd l-istess sistema) u wkoll ma kinitx issir il-ħsara li saret lill-art u mkejjen oħra tal-post tal-atturi.*»

56. Dan jingħad peress li, kif osservat drabi oħra, «*is-sens ta'*

*professjonalità teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattjeni fuqu fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet inkwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u tal-arti.»* Kif ukoll, sabiex l-appaltatur jista' jingħad li ta xogħol tajjeb, irid juri li huwa kkontrolla sew ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel u jagħti każ tal-fatturi li 'l quddiem jistgħu jikkompromettu x-xogħol li jkun ta, imqar jekk dan jiġri minħabba xogħol ħażin li jkun wettaq xi kuntrattur ieħor qabel ma jkun sar ix-xogħol appaltat (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire***, fuq qabel imsemmija, kif ukoll il-ġabra tas-sentenzi hemm magħmula).

57. F'kull każ, minkejja li l-perit tekniku qies li l-konvenuta appellanti ma kinitx responsabbli li twettaq il-komunikazzjoni tad-*drains* tal-pixxina mas-sistema prinċipali, ma kinitx responsabbli għas-sadd li kien hemm meta nġabar l-imbarazz bħal plastik u *debris* fid-*drains,* u lanqas kienet responsabbli għad-difetti li kien hemm fil-*waterproofing membrane,* dan xorta wasal għall-konklużjoni li l-kumpanija konvenuta kellha ġġorr parti żgħira mir-responsabbiltà għall-ewwel inċident, jiġifieri dik ta' 10% għad-danni li rriżultaw. Konklużjoni li baqa' jsostni waqt l-eskussjoni, li fil-verità hija waħda raġunata.

58. Fl-aħħar mill-aħħar għajr għax-xhieda ta' Olvin Mangion (li kif rajna ma kinitx waħda konsistenti), l-appellanti naqset milli tressaq provi biex

issostni t-teżi tagħha, jew xi perizja teknika li xxejjen dak misjub mill-perit inkarigat mill-atturi u mill-perit inkarigat mill-Qorti.

59. Tassew min ma jaqbilx ma' rapport ta' espert imqabbad mill-Qorti, u ma jagħmilx użu mir-rimedju, li jitlob il-ħatra ta' periti addizzjonali sabiex jikkontrasta rapport tal-perit tal-Qorti, ma jistax imbagħad jippretendi li l-Qorti twarrab dak ir-rapport, sempliċement peress li parti ma taqbilx miegħu, aktar u aktar fejn dak ir-rapport ikun ta' natura teknika (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***David Brincat et v. Francis Sammut et***).

60. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma jistax jingħad li din il-Qorti sabet xi nuqqas tal-Ewwel Qorti fis-sens li skartat ir-riżultanzi fattwali jew li waslet għall-konklużjoni żbaljata, kif allegat mill-kumpanija appellanti fl-appell tagħha. L-użu tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti hija fiċ-ċirkostanzi raġonevoli.

61. Għalhekk l-aggravju tal-kumpanija konvenuta appellanti mhux mistħoqq.

62. Ma tressqet l-ebda kontestazzjoni mill-kumpanija appellanti dwar il-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-Ewwel Qorti u għalhekk mhux meħtieġ li din il-Qorti tidħol fuq dan l-aspett tas-sentenza appellata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-kumpanija konvenuta appellanti Pool and Spa Supplies Limited, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata kif inhi.

Dwar l-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell, dawn għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-istess kumpanija konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm